MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 552/2014

**P.J. Sutters (Marketing) Limited (C35984)**

**vs**

**(i) Interactions Limited (C48944)**
**(ii) Joseph Sammut (ID 73875M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta’ Awwissu 2014, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ elfejn, hamsa u sebghin Ewro hamsin centezmi (€2,075.50c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex l-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Kodici tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment, l-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta fis-17 ta’ Gunju 2015 meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn, hamsa u sebghin Ewro hamsin centezmi (€2,075.50c), bl-imghaxijiet dovuti in solidum kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti in solidum bejniethom.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------